MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Numru. 84/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**DIONE GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Dione Galea iben John u Rita xebba
Scicluna, imwieled il-Pieta' nhar it-3 ta' Mejju, 1976 u residenti gewwa App l-21 Ta' Settembru 1964 BLK 2 Ent F Flat 4, Triq is-Salvatur, Kalkara, u detentur tal-karta ta' l-identita numru 256276(M).

Gie akkuzat talli nhar l-20 ta' Jannar 2013, gewwa San Giljan;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Bronwen Bugeja f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, hekk kif iccertifika Dr Patrick Galea, detentur ta' numru tar-regisrtu mediku 3481.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Bronwen Bugeja, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Bronwen Bugeja u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju w/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini ta' l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Bronwen Bugeja iddikjara illi s-sitwazzjoni bejnu u bejn l-imputat ippacifikat ruhha u ghaldaqstant qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Innutat ukoll li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 214 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Dione Galea, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta

fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat Dione Galea taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Dione Galea, tiddikjara procediment esawrit dwar din it-tieni akkuza migjuba kontra l-istess imputat stante rinunzja da parti tal-parte civile Bronwen Bugeja.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Dione Galea b’obbligazzjoni personali ta’ elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma’ Bronwen Bugeja ghal zmien sena millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Dione Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------